(iv) Tendering legal advice to the Department of Industrial and Employment Relations on enforcement and other action and on enforcement issues and representing the Department of Industrial and Employment Relations at hearings in Court;

(b) Technical Section:

(i) Drafting the necessary amendments to the Act or Legal Notices relating to the Department of Industrial and Employment Relations;

(ii) Drafting legal notices and exemptions;

(iii) Tagħti pariri fuq problemi ta' interpretazzjoni u argumenti tekniċi;

(iv) Tirrapreżenta lid-Dipartiment fuq xogħol li jirrigwardja materji relevanti barra minn Malta;

(v) Tagħmel xogħol ieħor relatat mad-Dipartiment skond kif imqabbad mid-Direttur.

(ċ) Persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali trid tkun aġġornata dwar dispożizzjonijiet relevanti tal-*Code of Organisation and Civil Procedure*, il-Kodiċi Ċivili, u liġijiet oħra rigward leġislazzjoni tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, u trid tkun responsabbli li tidher quddiem Qrati oħra għad-Dipartiment meta d-Direttur ikun mitlub biex jixhed.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

Jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor, Membru tal-Unjoni Ewropea;

Jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea);

Jew

(iv) ikunu l-konjugi jew tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond il-leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur (Ċittadinanza u *Expatriates)*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) (i) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

Jew

(ii) ikunu persuni li għandhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

(iii) Giving advice on problems of interpretation and technical issues;

(iv) Representing the Department on relevant issues related to the Department abroad;

(v) Performing other work related to the Department as may be indicated by the Director;

(c) The Junior Legal Officer/Legal Officer would need to keep abreast with relevant provisions of the Code of Organisation and Civil Procedures, the Civil Code and other laws which have a bearing on Industrial and Employment Relations and will also be responsible for appearing for the Department before other courts when the Director of Industrial and Employment Relations is summoned as a witness.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta;

Or

(ii) citizens of another European Union Member State;

Or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

Or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) (i) in possession of the warrant to practice the profession of Advocate in Malta;

Or

(ii) persons having the academic qualifications to obtain such a warrant;

(ċ) ikunu kapaci jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP47)*; fil-waqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

5.2 L-applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.1 (b) (ii) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.1 (b) (i). Barra minn hekk, dawn il-persuni jkunu jistgħu jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw bħala Avukat f'Malta u sakemm ikun għad hemm vakanza.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-assenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-

(c) able to communicate in the Maltese and English languages;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Successful applicants under paragraph 5.1 (b) (ii) will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.1 (b) (i). Such applicants, moreover, will only become appointable when they obtain the warrant to practice as Advocates in Malta and provided that a vacancy is available.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by note later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement

applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice board* tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal dan il-post.

10.1 Il-persuna magħżula tista' wkoll tkun meħtieġa li tattendi għal laqgħat/konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

10.2 Persuna li tintbagħat barra minn Malta għal laqgħat/konferenzi tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur, Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, 121, Triq Melita, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, 121, Triq Melita, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2008.

should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Industrial and Employment Relations, Ministry for Social Policy.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10.1 The selected candidate may also be required to travel abroad to attend meetings/conferences.

10.2 When proceeding abroad to follow meetings/conferences he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Director of Industrial and Employment Relations, Ministry for Social Policy, 121, Melita Str., Valletta.

12. Applications, together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Industrial and Employment Relations, 121, Melita Street, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 19th September, 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, Ministeru għall-Politika Soċjali sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 21243177).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mill-Uffiċċju tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, Ministeru għall-Politika Soċjali.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Id-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, Ministeru għall-Politika Soċjali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 19th September, 2008, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Industrial and Employment Relations in the Ministry for Social Policy by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving department is +356 21234177).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Industrial and Employment Relations and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Industrial and Employment Relations within seven (7) days.

Is-26 ta' Awissu, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' Kap tas-Central Visa Unit fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kap tas-*Central Visa Unit* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* għal sitta u tletin (36) xahar bħala Kap tas-*Central Visa Unit* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala Kap tat-Taqsima tas-*Central Visa Unit* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat. Barra minn hemm, dan l-*assignment* jaqa' taħt Regolamenti 7(4)(b) u 7(4)(d) tal-Avviż Legali 51/2007.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-Impieg tagħha fi ħdan is-*Central Visa Unit*, kif ukoll mal-Gvern ta' Malta, jintemm f'każ li jiġi terminat l-*assignment*.

26th August, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Head of the Central Visa Unit within the Ministry of Foreign Affairs

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the position of Head of the Central Visa Unit within the Ministry of Foreign Affairs.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Head of the Central Visa Unit within the Ministry of Foreign Affairs. Unsatisfactory performance as Head of the Central Visa Unit during the assignment period will lead to termination of assignment. Moreover this is an assignment covered by Regulations 7(4)(b) and 7(4)(d) of Legal Notice 51/2007.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will return to his/her substantive grade on termination of assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Central Visa Unit within the Ministry of Foreign Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 4, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' Kap tat-Taqsima tas-*Central Visa Unit* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Kap tas-*Central Visa Unit* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin hu ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 4 (€26,460). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Persuna fil-pozizzjoni ta' Kap tas-*Central Visa Unit* tkun taħdem taħt id-direzzjoni u struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' Kap tat-Taqsima tas-*Central Visa Unit* jinkludu:

(a) Responsabbiltà għat-tmexxija tal-*visa policy* skond il-*Common Manual* and the *Common Consular Instructions on visas for the Diplomatic Missions and Consular posts*;

(b) Responsabbiltà għall-amministrazzjoni sħiħa tat-Taqsima;

(c) Responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea u laqgħat tal-*working parties*;

(d) Il-Koordinament mas-Servizzi tas-Sigurtà u l-Immigrazzjoni f'oqsma tal-visas;

(e) Reponsabbiltà għal laqgħat ta' konsultazzjoni ta' kull xahar mas-Segretarji Permanenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern u tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, kif ukoll laqgħat ta' kull ġimgħa ma' uffiċjali tal-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern u tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, skond il-ħtieġa;

(f) Żviluppar ta' kuntatti effettivi u relazzjonijiet ta' xogħol ma' sieħba konsolari barranin sabiex jiġi assigurat mod konsistenti kif jintlaħqu l-oġġettivi u l-prijoritajiet tat-Taqsima.

(g) Jagħti pariri lill-Ministeru dwar applikazzjonijiet u ħruġ ta' *visas*.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) Ċittadini ta' Malta;

(b) Ikollhom *post-gradute degree (Masters)* rilevanti minn Università rikonoxxuta jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta flimkien ma' erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol relevanti li mill-anqas sentejn (2) minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni maniġerjali;

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 4, he/she will be required to relinquish the duties of Head of the Central Visa Unit and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1 The position of Head of Unit in the Central Visa Unit carries a salary equivalent to Salary Scale 4 (€26,460). In case that a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, for the purpose of the Pensions Ordnance (Cap. 93), the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The Head of Unit at the Central Visa Unit will work under the direction and instructions of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs,

4. The duties of Head of Unit - Central Visa Unit include:

(a) Responsibility for visa policy direction in conformity with the Common Manual and the Common Consular Instructions on visa for the Diplomatic Missions and consular Posts;

(b) Responsibility for the overall administration of the Unit;

(c) Responsibility for participation at EU Commission meetings and Working Party meetings;

(d) Coordinating with Security Services and Immigration on all visa matters;

(e) Responsibility for monthly consultation meetings with the Permanent Secretaries of Ministry of Foreign Affairs and Ministry for Justice and Home Affairs; and weekly meetings with Ministry of Foreign Affairs and Ministry for Justice and Home Affairs officials, as required;

(f) Developing effective links and working relationships with external consular partners to ensure a consistent approach to achieving the Unit's objectives and priorities;

(g) Advise the Ministry on policy regarding visa application and issuances.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) Citizens of Malta;

(b) In possession of a relevant post-graduate degree (Masters) from a recognised University or an appropriate, comparable and recognised qualification and 4 years relevant work experience of which at least two (2) must be in a managerial position;

Jew

Ikollhom *first degree* rilevanti minn Università rikonoxxuta jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta flimkien ma sitt (6) snin esperjenza ta' xogħol relevanti li mill-anqas sentejn (2) minnhom iridu jkunu f'pożizzjoni maniġerjali;

Jew

Uffiċjal Pubbliku fi Skala ta' mhux anqas minn Skala ta' Salarju 7 li jkollhom disa' (9) snin esperjenza ta' xogħol relevanti li mill-anqas sentejn (2) minnhom ikunu f'pożizzjoni maniġerjali.

u

(c) Ta' karattru morali tajjeb (dawk l-applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47) filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, sakemm ukoll ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

Or

In possession of a relevant first degree from a recognised University or an appropriate, comparable and recognised qualification and six (6) years relevant work experience of which at least two (2) years must be in managerial position;

Or

Public Officers in a scale not below Salary Scale 7 having at least nine (9) years relevant work experience of which at least two (2) must be in a managerial position.

and

(c) Of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application form and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hijar-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

9. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru 2008.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.mfa.gov.mt/forms/forms.html#employment

jew jinkisbu mill-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru 2008, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tas-Segretarju Permanenti huwa +365 21236 604.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of applicants in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

9. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 19th September 2008.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.mfa.gov.mt/forms/forms.html#employment

or may be obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 19th September 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Permanent Secretary is +356 21236 604.

12. (a) Tingħata irċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Awissu, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Reklutaġġ ta' *Service Managers*
(Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel)
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ħatra ta' persuni kompetenti u kwalifikati li jkollhom il-kapaċità li jaqdu d-dmirijiet ta' *Service Managers* fid-Dipartiment tal-Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

4. Id-DSE huwa mmexxi minn Direttur Ġenerali li, bl-għajnuna ta' tliet Diretturi u għadd ta' *Service Managers*, huwa responsabbli għall-funzjonijiet ta' dan id-Direttorat kif provdut fil-liġi.

5. Id-DSE għandu tliet dipartimenti: servizzi għall-istudenti; żvilupp tar-riżorsi umani, u mmaniġġjar ta' riżorsi tal-iskejjel. Kull dipartiment, immexxi minn Direttur, taħt id-direzzjoni tad-Direttur Ġenerali DSE, għandu għadd ta' *Service Managers* assenjati miegħu.

6. Ir-rwol u l-funzjonijiet tad-Dipartiment tal-Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel fi ħdan id-DSE jkopri l-oqsma ta' faċilitajiet u *estates* edukattivi inkluż bini, tiswija u manutenzjoni tal-iskejjel, xiri, u servizzi tekniċi. Dan id-Dipartiment għandu jkollu dawn is-*Service Managers*:

Service Manager (Immaniġġjar ta' Faċilitajiet Edukattivi)

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Vallettta.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, within seven (7) days.

26th August, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement of Service Managers
(School Resources Management)
in the Directorate for Educational Services (DES)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the engagement of suitably qualified and competent persons capable of performing duties as Service Managers in the department of School Resources Management in the Directorate for Educational Services (DES).

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4. The DES is led by a Director General who, with the assistance of three Directors and a number of Service Managers, is responsible for the functions of this Directorate as provided for by the law.

5. The DES has three departments, which include the Student Services, Human Resources Development, and School Resources Management. Each department led by a Director, under the direction of the Director General (DES), will have a number of Service Managers assigned to it.

6. **T**he role and functions of the School Resources Management Department within the DES covers the areas of educational facilities and estates including building, refurbishment and maintenance of schools, procurement, and technical services. This department will have the following Service Managers:

Service Manager (Educational Facilities Management)

Service Manager (Servizzi Tekniċi)
Service Manager (ICT fl-Edukazzjoni)

7. Il-kandidati magħżula jingħataw oqsma ta' responsabbiltà primarjament marbuta mal-funzjonijiet tad-Dipartiment tal-Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel, kif assenjati lilhom mid-Direttur Ġenerali DSE. Il-kandidati magħżula, jistgħu minn żmien għal żmien, jiġu assenjati mid-Direttur Ġenerali DSE f'dipartiment jew qasam ta' responsabbiltà differenti skond il-ħtieġa.

8. Id-dmirijiet tas-*Service Managers* fi ħdan id-Dipartiment tal-Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel jiġu assenjati lilhom mid-Direttur Ġenerali u għandhom jinkludu:

Jiżguraw il-provvediment u l-koordinament ta' servizzi f'oqsma partikulari fuq livell nazzjonali, livell ta' Kulleġġ u ta' skola u li jistinkaw għal servizz tal-aqwa kwalità lil kull student;

Jimmaniġġjaw l-i*staff* u jwettqu żvilupp tiegħu inkluż l-*performance appraisal,* id-dixxiplina, kjarifikazzjoni ta' rwoli u t-taħriġ;

Jimmonitorjaw it-twettiq tal-ħidma skond il-pjani waqt li jkun assigurat li l-miri jkunu ntlaħqu;

Jieħdu sehem attiv u jikkontribwixxu fl-iżvilupp u r-reviżjoni tal-*policies*;

Jaħdmu ma' kull livell ta' *staff*, kemm edukattiv u kemm le, filwaqt li jgħatu attenzjoni xierqa lill-ħtiġiet ta' *policy* u esiġenzi lokali, waqt li jaħdmu wkoll ma' personal ta' aġenziji u organizzazzjonijiet oħra;

Jimmaniġġjaw it-twassil, il-kwalità u l-ispiża ta' servizzi edukattivi, kif ukoll iwettqu l-*policies* u d-direttivi u jikkontribwixxu għar-reviżjoni tagħhom waqt li jippjanaw tibdil strateġiku biex itejbu t-twassil ta' servizz biex dejjem jimxi 'l quddiem;

Jagħtu sehemhom fit-tiswir tal-Pjan ta' Ħidma u fl-eżerċizzju tal-estimi finanzjarji annwali u jimmaniġġjaw il-baġit tat-taqsima tagħhom biex jiżguraw effiċjenza u effettività;

Jissorveljaw it-tmexxija ta' kuljum ta' organizzazzjoni, taqsima jew arja ta' servizz fi ħdan id-DSE;

Jirriċerkaw, jiġbru, janalizzaw u jevalwaw *data* u jużaw dan fl-ippjanar u t-tmexxija ta' servizzi, proġetti, programmi u sistemi;

Jieħdu sehem fi proġetti tal-UE, proġetti internazzjonali u oħrajn;

Ikollhom jew li jiżviluppaw it-tagħlim neċessarju, kompetenzi u ħiliet biex ikunu literati u biex jagħmlu użu

Service Manager (Technical Services)
Service Manager (ICT in Education)

7. Each of the selected candidates will be assigned by the Director General (DES) areas of responsibility primarily related to functions of the School Resources Management Department. Selected candidates may, in time, be assigned to a different department or a different area of responsibility as deemed necessary by the Director General DES.

8. The duties of Service Managers in the School Resources Management Department will be assigned by the Director General, and shall include:

Ensuring the provision and the coordination of services in particular areas at national, College and school levels and striving towards maximum quality of service for each student;

Managing and developing staff, including performance appraisal, discipline, role clarification, training;

Monitoring achievements against plans and ensuring targets are met;

Participating in and contributing to policy development and review;

Working with all levels of staff, both educational and non-educational, whilst taking into consideration the demands of policy and local circumstances, as well as working with personnel from external agencies and organisations;

Managing the delivery, quality and cost of educational services, as well as implementing policies and directives and contributing to their review and planning the strategic change to improve service delivery on an ongoing basis;

Providing input to the Business Plan and Annual Financial Estimates exercise, and managing the section's budget to ensure efficiency and effectiveness;

Overseeing the day-to-day management of an organisation, a unit/s or a service area/s within the DES;

Researching, gathering, analysing and evaluating data and using it to plan and manage services, projects, programmes and systems;

Participating in EU, international and other projects;

Having or developing the necessary knowledge, competences and skills to be literate in and to be able to make

effettiv tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, skond il-funzjoni tagħhom;

Jaqdu dmirijiet oħra kif u meta jiġu assenjati lilhom mid-Direttur konċernat jew mid-Direttur Ġenerali tad-DSE;

9. Id-dmirijiet partikolari ta' *Service Managers* tad-Dipartiment tal-Immaniġġjar ta' Riżorsi tal-Iskejjel (Immaniġġjar ta' Faċilitajiet Edukattivi u Servizzi Tekniċi) jinstabu fuq il-*website*:

http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000.

10. Il-kwalitajiet imfittxija f'dawn il-pożizzjonijiet huma dawk ta' persuni kapaċi, b'taghlim, kompetenzi u inizjattiva biex jiffurmaw parti minn tim fi ħdan id-DSE bil-għan li jitwettaq titjib fis-sistema edukattiva Maltija u dan fil-kuntest tal-Qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali bil-provvediment ta' servizzi effettivi.

11. Il-pożizzjoni ta' *Service Manager* hija fi Grad 5 u min jinħatar jaqdi d-dmirijiet ta' *Service Manager* abbażi ta' *Performance Agreement* ta' tliet snin. Il-ħatra tkun soġġetta għal żmien ta' prova ta' sena. Il-*Performance Agreement* ikun jinkludi *Performance Bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku u dan il-jedd ikun soġġett għall-istess proċedura stabbilita ta' reviżjoni ta' ħidma. Dawk maħtura ma jkunux intitolati għal gwadann ieħor marbut mal-pożizzjoni ta' Kap ta' Dipartiment.

12.1 Jekk fil-jum meta jagħlqu l-applikazzjonijiet, il-kandidati magħżula:

a) Ikunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga li sostantivament diġà tkun fi grad ogħla minn Grad 5, huma jibqgħu jżommu l-grad sostantiv tagħhom;

b) uffiċjali pubbliċi fil-kariga li sostantivament tinsab fi grad 5 jistgħu jagħżlu li jaċċettaw il-ħatra ta' Uffiċjal Pubbliku fi Grad 5 jew iżommu l-ħatra sostantiva;

ċ) ikunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga li jkollhom ħatra sostantiva fi grad taħt Grad 5, huma jigu sostantivament maħtura Uffiċjali fi Grad 5;

d) jkunu uffiċjali pubbliċi fil-kariga li jkunu jokkupaw pożizzjoni kuntrattwali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u ma jkollhomx kariga sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jiġu maħtura sostantivament 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

e) ma jkunux uffiċjali pubbliċi fil-kariga, huma jiġu sostantivament maħtura 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz

effective use of Information and Communication Technology, according to their function;

Performing, from time to time, other duties as and when assigned by the line Director or the Director General, DES.

9. The particular duties of Service Managers in the School Resources Management Department (Educational Facilities Management and Technical Services) may be found on the following website:

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Section, Ministry of Education, Youth and Employment, Great Siege Road, Floriana VLT 2000

10. The qualities being sought for in these positions are those of capable persons, with knowledge, competences and drive to form part of a team within the DES with the aim of improving the Maltese educational system within the context of the National Curriculum Framework with the delivery of effective services.

11. The position of Service Manager is a position in Grade 5 and engagement to this position will be made on the basis of a three (3) year Performance Agreement, subject to a one-year probationary period. The Performance Agreement will include a Performance Bonus of up to 10% of the basic salary and this entitlement will be subject to the established performance review procedure. The appointees will not be entitled to other perquisites pertaining to an appointment to a Headship position.

12.1 If on the closing date of the call for applications, the selected candidates are:

a) serving public officers who are already substantively in a grade above Grade 5, they will retain their higher substantive grade;

b) Serving Public Officers who hold a substantive appointment in a grade equivalent to Grade 5, may opt to accept the concurrent appointment of Officer in Grade 5 or to retain their substantive appointment

c) serving public officers who hold a substantive appointment in a Grade below Grade 5, they will be substantively appointed Officers in Grade 5;

d) serving public officers who occupy a contractual position in the Malta Public Service and do not hold a substantive post in the Malta Public Service, they will be substantively appointed 'Officers in Grade 5' in the Malta Public Service.

e) not serving public officers, they will be substantively appointed 'Officers in Grade 5' in the Malta Public Service,

Pubbliku ta' Malta u jkunu nkarigati mill-Prim Ministru biex jaqdu d-dmirijiet bħala *Service Manager* fid-DSE.

12.2 Matul il-perjodu ta' *detailing* bħala *Service Manager,* l-Uffiċċjali Pubbliċi magħżula, ikunu marbuta bit-termini u kundizzjonijiet tas-servizz applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

12.3 Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx uffiċjal pubbliku, il-ħatra tagħha u l-progress possibbli fi ħdan is-Servizz Pubbliku ta' Malta huwa llimitat għal pożizzjonijiet fi ħdan is-settur tal-edukazzjoni, u fil-perjodu li jibqa' fil-kariga ta' *Service Manager* fid-DSE, jibqa' marbut bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz li japplikaw lill-uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

13. Uffiċjali fit-*teaching grades* jistgħu japplikaw ukoll u jekk magħżula, iżommu d-dritt li japplikaw sabiex jimlew vakanzi fi gradi u pożizzjonijiet ogħla li għalihom ikunu eliġibbli bħala riżultat tal-progressjoni tal-karriera fil-klassi tal-Edukazzjoni. Is-snin ta' servizz fil-pożizzjoni ta' *Service Manager* għandhom ikunu meqjusa bħala snin ta' servizz/esperjenza fil-gradi tal-għalliema.

14. Uffiċjali maħtura fil-pożizzjoni ta' *Service Manager* fuq *Performance Agreement* jistgħu, jekk qdew dmirhom sew, jkun maħtura mill-ġdid fl-istess pożizzjoni jew f'pożizzjoni oħra ta' *Service Manager* fid-DSE għal perijodi oħra ta' tliet snin. Fl-eventwalità tat-temm tas-servizz jew fil-każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded, l-uffiċjal fil-kariga ta' *Service Manager* jerġa' lura għall-grad sostantiv li kellu qabel ġie fis-seħħ il-kuntratt jew għall-grad ta' Uffiċjal fi Grad 5, skond il-każ. Fil-każ tal-aħħar, l-uffiċjal jista' jkun assenjat dmirijiet fi kwalunkwe dipartiment jew Ministeru ieħor.

15. Ħidma mhux sodisfaċenti waqt iż-żmien tal-*Performance Agreement* twassal għat-terminazzjoni tal-*Performance Agreement* u, jekk il-persuna magħżula tkun għadha fiż-żmien ta' prova tal-ħatra sostantiva tagħha, għat-terminazzjoni tal-ħatra sostantiva li tirriżulta minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

16. *Service Manager* jista' jitpoġġa fuq massimu ta' ġimgħa tax-xogħol ta' sitt ijiem b'medja ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa fuq medda ta' sena skond skeda tax-xogħol kif stabbilita mid-Direttur Ġenerali DSE.

17. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

and shall be detailed for duty as Service Manager in the DES.

12.2 The selected public officer shall during the period of his/her detailing as Service Manager at DES, be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service.

12.3 In the case of a selected candidate who is not a serving public officer, his/her appointment and possible progression in the Malta Public Service shall be limited to posts or positions within the Education Sector and, during the period of his/her detailing as Service Manager in the DES, s/he will be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service.

13. Officers in the teaching grades may apply and, if selected, shall retain the right to apply to fill vacancies in higher grades or positions for which they are eligible as a result of their career progression in the teaching career stream. The years of service in the position of Service Manager shall be reckonable as years of service/experience in the teaching grades.

